**30 ta' April, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

George Schembri

## Riċettazzjoni – Ħelsien mill-Piena

*Il-ħelsien mill-piena kkontemplat fil-proviso ta' l-artikolu 334 tal-Kap. 9 ma japplikax meta l-pulizija jkunu sabu l-oġġetti fil-fond ta' l-akkużat bla ma dan ikun ikkonsenja xejn u jkun svela l-persuna mingħand min ikun akkwista l-oġġetti waqt l-interrogatorju tal-pulizija.*

*Min jakkwista oġġett f'ċirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oġġett kellu provenjenza illeġittima u intant ma għamel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, hu ħati ta' riċettazzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-imputat Schembri ġie akkużat talli fil-Gżira, fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Mejju, 1989, flimkien ma' persuna jew persuni oħra, kkommetta serq ta' kwantità ta' xorb alkoħoliku minn ħanut *"Dowling Cellars"* għad-dannu ta' Ralph Dowling minn Ta' Xbiex, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, ħin u ammont li jeċċedi l-elf lira Maltija (Lm1000);

Barra minhekk ġie akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fl-aħħar xhur qabel Lulju, 1989 xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

Rat is-sentenza tat-13 ta' Settembru, 1991 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lliberat lill-imputat mill-akkuża tas-serq u sabitu ħati tat-tieni akkuża dwar ir-riċettazzjoni, ikkundannatu

sentejn priġunerija u ordnatlu jħallas l-ispejjeż tal-perizji;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab ir-revoka ta' dik is-sentenza u l-liberazzjoni tiegħu minn kull imputazzjoni u ħtija;

Rat l-atti l-oħrajn u ttrattat l-appell, ikkunsidrat illi:

1. L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa li skond il-proviso ta' l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali ma kellux jeħel piena billi fi żmien tlett ijiem ikkonsenja l-oġġetti in kwistjoni lill-awtoritajiet u kixef mingħand min kien xtrahom. Jiġi rrilevat li din l-indulġenza tal-liġi tapplika fil-każ li dik il-konsenja u dak il-kxif isir qabel tibda titmexxa l-proċedura kriminali kontra l-imputat. Fil-każ preżenti rriżulta li l-Pulizija kienu sabu l-oġġetti misruqa fil-fond ta' l-appellant bla ma dan kien ikkonsenja xejn. Inoltre kien fuq l-interrogatorju tal-Pulizija li l-appellant svela l-persuna mingħand min kien akkwista dawk l-oġġetti. Għalhekk dan l-aggravju mhux fondat;

2. Aggravju ieħor huwa li ma ġiex ippruvat li fil-mument ta' l-akkwist ta' l-oġġetti l-appellant kellu x-xjenza posittiva u ċerta tal-provenjenza delittuża ta' l-oġġetti. Kwantu għal dan l-aggravju, min jakkwista oġġett f'ċirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oġġett kellu provenjenza lleġittima, u intant ma jagħmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, huwa ħati ta' riċettazzjoni (Kollex. Vol. XLV.IV.1032). Fil-każ preżenti rriżulta li l-appellant kien irċieva fil-*garage* tiegħu xorb ikkonsenjat lilu għall-ħamsa u nofs ta' fil-għodu mingħand bniedem li l-appellant innifsu ddikjara li kien jafu bħala kriminali. L-appellant dan għamlu bla ma għamel verifika jew xi domanda rigwardanti l-provenjenza ta' dak ix-xorb. F'dawn iċ-ċirkostanzi

jidher ovvju li l-appellant kellu iktar minn suspett dwar il-kriminożità tal-provenjenza;

3. L-appellant fl-aħħarnett issottometta li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hija eċċessiva. Din il-Qorti taqbel ma' dik il-Qorti dwar il-piena;

Għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.